# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

***Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)***

---

**Illum 7 ta' Lulju 2020**

Appell numru 298 tal-2017

**Il-Pulizija**
**vs.**
**OMISSIS**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-23 ta' Gunju 2017 fil-konfront ta' OMISSIS detentur tal-karta tal-identità bin-numru OMISSIS1 fejn ġie mixli:

    Talli gewwa Haz-Zabbar u/jew fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, f'Marzu 2010 u fix-xhur u snin ta' qabel b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin f'rizoluzzjoni wahda:

    1. B'eghmil zieni ikkorrompejt persuna ta' taht l-eta' u cioe' OMISSIS2 minuri li kien ghadu m'ghalaqx l-eta' ta' tnax il-sena;

2. Eccitajt, ghent jew iffacilitajt il-korruzzjoni ta' l-istess minuri OMISSIS2;

3. Ikkommettejt attentat vjolenti ghall-pudur ta' l-istess minuri OMISSIS2;

4. Ippartecipajt f'attivitajiet sesswali ma' l-istess minuri OMISSIS2.

2. Permezz tas-sentenza aktar ʻil fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant, rat l-artikoli tal-Liġi indikati mill-Avukat Ġenerali fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju tat-23 ta' Lulju 2017 u ċioe' l-artikoli 18, 203(1)(a), 203A, 201(a), 202, 207, 204C u 208AC, 382A, 383, 384, 385, 386, 412C, 17, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, semgħet lix-xhieda mressqa quddiemha, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti preżentati, u wara li stqarret is-segwenti:

> 'Illi f'dan il-kaz bhal ma jigri kwazi f'kull kaz fejn ikun hemm akkuzi ta' korruzzjoni ta' minuri l-Qorti tinsab rinfaccjata b'zewg verzjonijiet kunfliggenti dwar l-event kriminuz u cioe' dik moghtija mill-minuri fejn qed isiru l-allegazzjonijiet indikati aktar il'fuq u dik tal-imputat li qed jinnega dawn l-allegazzjonijiet.
>
> Illi fil-kaz odjern din il-Qorti wara li semghet lil minuri koncernat jixhed quddiemha bil-procedura tal-vedioconferencing u wara li hadet in konsiderazzjoni dak li l-istess minuri qal lil psikoterapista Dr Marika Busietta u wara li hadet konsiderazzjoni tal-konkluzjonijiet tal-istess esperta dwar dak li qal il-minuri u dwar il-komportament tieghu, tinsab moralment konvinta li l-minuri qed jghid il-verita' u li ghandu jitwemmen. Din il-Qorti setghet tinnota certu misthija u riluttanza tal-minuri sabiex jirrakonta dak li kien ghamillu l-imputat. Kien pjuttost evidenti li l-minuri ma xtaqx jerga' jiftah il-pjaga billi jirrakonta dak li kien ghadda minnu meta kien izghar u kien ghal din ir-raguni li dam xi ftit qabel ma rrakonta certu fatti, izda meta eventwalment irrisponda ghal certu domandi huwa qal l-istess affarijiet, salv ghal xi dettalji li kien qal lil psikoterapista u lil haddiema socjali. Ma kien hemm assolutament xejn fil-komportament tal-minuri jew f'dak li kien qieghed jghid li seta' jgieghel lil din il-Qorti tiddubita mill-kredibilita' tieghu.

Illi inoltre din il-Qorti tixtieq tirrileva li meta wiehed jikkunsidra l-eta' tenera tal-minuri nvolut meta huwa xehed u l-eta' aktar tenera li kellu meta grawlu l-fatti li kien qed jixhed dwarhom, wiehed jifhem u jacetta li huwa ma setghax ikun preciz fid-dettalji ta' dak li gralu bhal ma jkun adult qed jixhed.

Illi stabbilit il-fatt li din il-Qorti qed tirritjeni l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-minuri meta huwa xehed f'dawn il-proceduri u meta huwa tkellem mall-espert psikoterapista bhala kredibbli u verosimili il-Qorti sejra issa tghaddi sabiex tara jekk dawn il-fatti kif rakkuntati mill-minuri jinkwadrawx ruhhom fir-reati li bihom jinsab akkuzat l-imputat fil-proceduri odjerni.

<u>L-Ewwel Imputazzjoni - Reat ta' Korruzzjoni ta' Minuri</u>

F'dawn il-proceduri kriminali, l-imputat gie akkuzat li b'eghmil zieni ikkorrompa lil OMISSIS2 minorenni ta' taht it-tnax il-sena skond kif ikkontemplat fl-artikolu 203 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-Artikolu 203 tal- Kodici Kriminali jipprovdi hekk :-

*'kull min, b'eghmil zieni , jikkorrompi persuna ta' taht l-eta', tas-sess il-wiehed jew l-iehor.' L-istess artikolu jiddefinixxi ic-cirkostanzi aggravati bhala (kwot), '(a) jekk id-delitt isir bi hsara ta' persuna li m'ghalqitx l'eta' ta' tnax il-sena, inkella bi vjolenza; (b) jekk id-delitt isir b'theddid jew b'qerq; (c) jekk id-delitt isir minn axxendent, mid-demm jew bi zwieg, jew mill-missier jew l-omm adottivi, jew mit-tutur tal-minuri, jew minn haddiehor li lilu, imqar jekk ghal xi zmien, ikun gie fdat il-minuri sabiex jiehu hsiebu, jedukah, jghallmu, jindukrah jew izommu.'*

Illi din il-Qorti tixtieq taghmel referenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **P vs Thomas Wiffen datata 08/01/1996** dwar ir-reat ta' korruzzjoni ta' minuri :

*'For the completed offence, and apart from the formal element of the offence, there must be the lewd act (atto di libidine) and the actual defilement. The lewd act may be committed either on the person or in the presence of the minor. All acts which either of their very nature or of the circumstance in which they are performed are directed to the indulgence of the sexual appetite, either of the agent or of the victim, and are capable of arousing the sexual interest of the victim, are lewd acts for the purpose of the offence in question. The duration of these acts is immaterial for the notion of a lewd act. Thus the lewd act may be committed either on the person or in the presence of the minor..*

*'Atti di libidine debbono ritenersi tutti quei contatti e quelle manovre, che possono eccitare i sensi, anche se non giungono allo sfogo completo della libidine. Senza poi entrare nelle varie questioni sorte nella pratica e nella giurisprudenza circa*

*alla valutazione di singoli atti per vedere se debbasi o no attribuir loro il carattere di atti di libidine, specie in ordine al bacio, del quale lungamente si occupa il Carrara, noi rileviamo come norma generale che gli atti, a cui si riferisce la legge, debbono essere materiali e di una certa entita' e tali da aver rapporto prossimo e' diretto colle funzioni sessuali' (Vol. VIII, parte 3, p967).*

*Lewd acts are therefore all those acts 'diretti ad eccitare la propia concupiscenza verso piaceri carnali turpi per se stessi o per le circostanze in cui si cerca di provocarli, ovvero diretti a sodisfare siffatta concupiscenza' (Manzini V. op. cit. p 359). The duration of these acts is immaterial for the notion of a lewd act. There is no doubt in the mind of this Court that the touching of the breasts or of the private parts of a young girl - in the case under examination appellant's daughter was not yet twelve years old when the first acts were performed - with the intention either of gratifying one's libidinous tendencies or of arousing the sexual interest of the said girl, are lewd acts.'*

Dwar ir-rekwizit tal-korruzzjoni per se l-istess Qorti tal-Appell fl-isemmija sentenza qalet hekk :

*'As to the requirement of actual defilement, this is obviously not someothing that can be measured with any known scientific instrument, but is something which has to be assessed by the prudent judge - the lay judge in the case of a trial by jury, the professional magistrate or judge in all other cases - taking into account all the circumstances of the case including in particular the age of the victim and the nature of the act or acts. Appellant, in his application, states that in order that one can speak of actual defilement 'at least the curiosity or the interest of the minor should have been aroused,' so that 'if the minor is already strong-willed enough and rejects even the least advance by the offender', then, always according to the appellant, there is no actual defilement. Now, whereas the minor's reaction is a fact to be taken into account, it is not the sole criterion, nor indeed the most important criterion, of whether or not there has been actual defilement. The defilement may be actual but its effects delayed. As Sir Anthony Mamo points out in his Notes on Criminal Law :*

*'For the subsistence of the crime it is not necessary that the defilment shall be immediate.* ***<u>The very young age of the person with whom the lewd acts have been committed does not rule out the crime, if the rememberance of such acts is calculated to cause the defilement. Indeed, according to our law, if the victim is under twelve years of age, that is a reason for aggravating the crime'</u>*** *(p 226)*

*(..) In other words if the acts in question are lewd acts in the sense above defined, that is are apt to bring about a lesion of the moral integrity of the passive subject in respect of sexual matters, then, in the absence of any indication that the said passive subject has not been affected by those acts - for example, because he or she was, to some degree, already depraved - whoever has to judge the facts may reasonably conclude that there was actual or effective defilement.'*

Illi fil-fehma tal-Qorti l-fatti kif rrakuntati mill-minuri fil-kaz de quo jinkwadraw ruhhom fir-reat ta' korruzzjoni ta' minuri kontemplat fl-Artikolu 203 bl-aggravju kontemplat fis-sub-inciz (1)(a). Il-minuri filfatt jirrakonta li huwa kien jigi espost ghal sitwazzjoni fejn kien jara lill-imputat jaghmel l-atti sesswali ma' ommu jew altrimenti jmissilha sidirha quddiemu. Il-minuri inoltre rrakonta li l-imputat kien ta' spiss joqghod ihares lejn il-parti genitali tieghu waqt li huwa jkun qed jinhasel u kien hemm varji okkazjonijiet fejn huwa dahal fis-shower u messlu l-parti genitali tieghu. Ma hemmx dubju li dan l-agir da parti tal-imputat jammonta ghal 'atti di libidine' li setghu wasslu ghal interess f'atti sesswali fil-minuri.

Illi l-Qorti inoltre ma taqbilx ma' dak sottomess mid-Difiza li dak li ra l-minuri bejn ommu u l-imputat kien accidentali. Dan jinghad ghaliex il-minuri kkonferma li huwa ra lill-imputat ikollu x'jaqsam ma' ommu f'varji okkazjonijiet u spjega li huwa mhux dejjem kien jorqod fil-kamra maghhom. Dan ifisser li l-imputat seta' jaccerta ruhu li l-minuri ma jkunx prezenti u qed josserva dak li qed jigri qabel ma jkollu x'jaqsam ma' omm il-minuri. Illi inoltre l-minuri rrakonta li l-imputat kien jgholli t-top ta' omm il-minuri quddiemu u joqghod imissilha sidirha. Dan kollu jindika li ma kien hemm xejn accidentali f'dak li sehh.

Illi fil-fehma tal-Qorti l-effetti li halla l-agir tal-imputat fuq il-minuri konsistenti fis-sexualised behaviour li gie riskontrat fil-minuri huwa prova ulterjuri li jikkonkorru kemm l-element formali kif ukoll dak materjali tar-reat in dizamina.

<u>It-tieni u t-tielet imputazzjoni</u>

Illi huwa evidenti li t-tieni u t-tielet imputazzjoni fejn l-imputat jinsab akkuzat bir-reati kontemplati fl-Artikolu 203A u 207 tal-Kodici Kriminali nghataw bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni u una volta li ser tinstab htija ghall-ewwel imputazzjoni l-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dawn l-imputazzjonijiet.

<u>Partecipazzjoni f'attivita' sesswali ma' minuri</u>

Illi l-imputat jinsab ukoll akkuzat bir-reat ta' partecipazzjoni f'attivita' sesswali ma' minuri kontemplat fl-Artikolu 204C tal-Kodici Kriminali izda fil-fehma tal-Qorti l-fatti ta' dan il-kaz ma jinkwadrawx ruhhom f'dan ir-reat stante li ma jirrizultax li kien hemm attivita' sesswali per se bejn l-imputat u l-minuri.

<u>Abbuz fiziku</u>

> Illi jrid jigi puntwalizzat li l-Avukat Generali ma indika ebda artikolu tal-ligi konness ma' reati rigwardanti l-abbuz fiziku li mill-provi jirrizulta li gie ezercitat fuq il-minuri u l-Qorti hija marbuta li ssib htija skond l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali.
>
> <u>Piena</u>
>
> Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-gravita' tar-reat li tieghu l-imputat qed jinstab hati kif ukoll il-konsegwenzi serji li l-agir tal-imputat halla fuq il-minuri koncernat. Fic-cirkostanzi l-Qorti jidhrilha li ghandha timponi piena karcerarja effettiva.

sabet lill-imputat ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu għal erba' snin priġunerija. Qieset ukoll li stante li t-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjoni ngħataw bħala alternattivi għall-ewwel (1) imputazzjoni li tagħha l-imputat instab ħati, il-Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħhom. Inoltre, l-Qorti ddikjarat lill-imputat mhux ħati tar-raba' (4) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u konsegwentement illiberatu minnha. Il-Qorti ordnat ukoll id-divjiet tal-publikazzjoni tal-isem il-minuri OMISSIS2 kif ukoll dawk ta' ommu u oħtu fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni. B'applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali l-Qorti ordnat il-ħrug ta' Ordni ta' Protezzjoni għall-perjodu ta' sentejn (2) favur OMISSIS2 u l-*foster parents* tal-minuri. Il-Qorti rat ukoll il-Kapitolu 518 tal-Liġijiet ta' Malta u ordnat lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex l-imputat jitniżżel fuq ir-Reġistru ndikat fl-isemmi Att u għal dan il-għan ordnat li kopja ta' din is-sentenza tiġi komunikata lill-imsemmi Reġistratur. B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti kkundannat lill-imputat sabiex sa żmien xahar minn meta jiġi hekk mitlub bil-miktub mir-Reġistratur tal-Qorti

jħallas lill-istess Reġistratur tal-Qorti s-somma ta' tmin mija tmienja u ħamsin Euro (858.00 Euro) liema ammont jirrapreżenta l-ispejjeż konnessi mal-ħatra ta' esperti f'dan il-każ.

3. Illi minn din is-sentenza OMISSIS interpona appell permezz ta' rikors datat 4 ta' Lulju 2017 fejn talab li s-sentenza hawn fuq imsemmija tiġi riformata billi tikkonfermaha fejn ma sabitx lil appellant ħati tar-raba' akkuża u astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-tieni u t-tielet akkuża filwaqt li tirrevokaha, tħassarha u tannullha fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel akkuża u fejn hu ġie ordnat iħallas l-ispejjeż tal-perizji u l-ordnijiet l-oħra konsegwenzjali għas-sejba ta' ħtija u dan għar-raġunijiet premessi, u konsegwentement billi tillibera lill-appellant minn kull ħtija u piena inflitta. Dan wara li saħaq is-segwenti: -

Illi l-aggravji tal-esponenti huma s-segwenti :-

1. Illi l-appellant mhux qed jaqbel li hu kien responsabbli li kkorrompa lil OMISSIS2.

Illi b'sentenza tal-Ewwel Qorti l-esponent gie misjub hati biss ta' korruzzjoni ta' minorenni (art 203(1) Kap 9 u gie liberat mill-akkuzi l-ohra kollha.

Illi preliminarjament ghandu jinghad li fil-kazijiet ta' korruzzjoni ta' minorenni hafna drabi dawn jipprezentaw stampa fejn il-provi probatorji ikunu jikkonsistu fix-xhieda taz-zewg persuni nvoluti f'dak l-event kriminuz u cioe' l-verzjoni tal-minuri u dik tal-persuna akkuzata, li f'dan il-kaz ukoll kien minuri u ghalhekk il-Qorti trid timxi b'hafna cirkospezzjoni. Fil-kaz in ezami l-Ewwel Qorti tat kredibilita' lill-minuri u njorat ghal kollox ic-cahda u sottomissjonijiet tal-appellant. Fil-fatt il-Qorti kellha jew temmen lit-tifel jew temmen lill-imputat u l-ispjegazzjoni li tah. Ghalkemm kien hemm nies ohra nvoluti li setghu jixhdu fuq il-kaz u jitfghu dawl fuq il-kaz, bhal oht it-tifel u ommu, l-Prosekuzzjoni ma ressqithomx lil dawn ix-xhieda u ghaqdet biss fuq ir-rapporti tal-esperti fuq dak li suppost qalilhom il-minuri. Lanqas in-nanniet li ssemmew

diversi drabi f'dawn il-proceduri ma tressqux il-Qorti biex jikkonfermaw dak li huma suppost qalu u li gie kkwotat fir-rapporti jew fix-xhieda fuq riferita li fuqha strahet il-Qorti.

Hu risaput li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni (u mhux l-akkuzat) hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni, b'mod li l-Qorti ma jibqala l-ebda *lurking doubt.* Dan id-dubbju fil-kamp penali necessarjament jimmilita favur l-persuna ta' l-akkuzat billi kundanna li tista' twassal ghal telfien tal-liberta' ma tista' qatt tkun imsejsa fuq id-dubbju.

Huwa mportanti li hawn jigi emfasizzat kif origina l-kaz. Dan ma kienx xi rapport minn xi genitur jew mill-minuri stess, imma origina minn osservazzjoni li saret fuq it-tifel minn kif kien qed jikkomporta ruhu meta kien l-Istitut, wara li ddahhal hemm minn ommu stess minhabba s-sitwazzjoni povra (homeless) ta' ommu. It-tifel fil-bidu ma kien semma xejn dwar abbuz, u lanqas ma semma persuni, imma mbaghad meta dahlu mill-inqas sitt membri minn tal-appogg, psikoterapista, play therapist, pedjatra tat-tfal, psikologa u psikologu, u tobba ohra, beda jinbena kwadru ta' abbuz sesswali.

Illi l-esponenti jissottometti illi l-prova principali li fuqha l-Ewwel Qorti kellha legalment tistrieh biex tiggudika l-kaz kienet ix-xhieda li OMISSIS2 ta quddiem il-Magistrat, u mhux id-diversi rapporti ex parti li gewipprezentati jew fuq dak li semghu minghand haddiehor (hearsay). Effettivament hafna mix-xhieda u rapporti esebiti huma bazati u mibnija mhux fuq dak li semgha min irrediga r-rapport imma dak li ntqal lilhom minn nies ohra u fuq dawk il-fatti waslu ghal konkluzjonijiet taghhom. Dawn ix-xhieda ma setghux jesprimu opinjoni bhala esperti u lanqas li jikkonkludu li t-tifel kien gie abbuzat jew li gie espost ghal attivitajiet sesswali.

Illi ghalhekk f'dana l-istadju, abbazi ta' principji gurisprudenzjali assodati minn dawn il-Qrati, l-esponent qed jerga' jitlob l-isfilz tar-rapporti, xhieda u dokumenti pprezentati minn Rodianne Mallia, Veronica Ellul, Dr Mariella Mangion, Hertha Trapani, R Vella Bonnici, Dr Saliba u dan billi huma m'humiex esperti nominati minn dina l-Qorti. (Art 650(1) Kap 9) Il-Qorti m'ghandix dak is-serhan tal-mohh permezz ta' assistenza professjonali sabiex tevalwa ix-xhieda tal-minuri kif inghatat minn dawn il-persuni. (**ara App P vs A Debono 26/1/17 - 218/2015**). L-unika espert nominata mill-Qorti hija Dr Busietta.

Meta sar l-allegat abbuz fuq OMISSIS3 it-tifel kellu sitt snin. Hu tifel b'disabilitajiet mentali; b'imgieba specjali u ma jesprimix ruhu sewwa. Jirrizulta li huwa ghandu problema bil-foreskin li kellha tigi kurata. OMISSIS3 hu tifel difficli sabiex jigi kkontrollat u kellu bzonn ta'

dixxiplina. It-tifel iddahhal f'istitut minn ommu ghax kienet homeless, ma kelliex flus biex trabbih u titimghu. Illi l-Ewwel Qorti ma tat ebda konsiderazzjoni ghal dawn il-fatturi kollha meta hija giet biex tiddetermina l-kredibilita' tal-minuri u kif dina setghet taffettwah.
L-Ewwel Qorti injorat kompletament il-fatt li l-imputat cahad dak li gie akkuzat bih u dana mhux darba imma fi tliet statements. Hu stqarr li hu ma sawwatx lil OMISSIS3 izda kien ibesbisilu. Kienet omm it-tifel li kellha kaz il-Qorti ghax kienet sawtet lil OMISSIS3 u mhux hu. Hu cahad li messu fil-parti privata tieghu u dak li t-tifel irraporta li rah ma kienx sar mill-imputat u l-partner tieghu biex jikkorrompu l-minuri imma affarijiet li graw fil-kamra tas-sodda taghhom. Fil-fatt l-Ewwel Qorti ghalkemm sabet lill-imputat hati tal-ewwel akkuza ma sabitux hati tar-raba' akkuza li ppartecipa f'attivitajiet sesswali ma' l-istess minuri, u dana jikkonferma l-verzjoni tal-imputat.

Omm it-tifel ma tressqitx il-Qorti biex tixhed dwar il-komportament tal-imputat fid-dar jew biex tikkorrobora lil binha. Anzi hija giet ikkwotata li qalet a fol 170 li taf bl-allegazzjonijiet ta' OMISSIS3 izda *she does not believe that her son is disclosing such information as according to her he never disclosed such information with her and she never saw him behave in an inappropriate sexual manner in her presence*. Dan qed tghidu meta dak li qal OMISSIS3 suppost sar fil-presenza taghha u ta' ohtu. Inoltre jigi rilevat li omm it-tifel baqghet midhla ta' omm l-imputat anki wara l-allegat abbuz fuq it-tifel.

Kwantu ghal dak li xehed it-tifel l-esponent jissottometti li l-atti msemmija ghandhom jigu kkunsidrati bhala *ordinary love making* bil-lejl bejn l-esponent u omm it-tifel, li huwa ra, meta suppost kien rieqed fil-kamra maghhom jew fil-kamra ma' ohtu. Dawn l-atti ma sarux intenzjonalment minnhom biex jikkorrompuh. Jekk hu gie espost ghal dawn l-atti dan sar accidentalment ghax it-tifel kien iqum meta huwa suppost ikun rieqed. Illi f'dawn l-atti mhux l-imputat biss kien involut fihom izda anki omm it-tifel li kienet volontarjament partecipi f'dawn l-atti, imma hu biss l-appellant li gie akkuzat bil-korruzzjoni tal-minuri. Ghal OMISSIS3 kollox hu pastazati, anke bews, u dana juri li OMISSIS3 ma kienx ghadu f'posizzjoni li jiddistingwi bejn dak li hu abbuz u dak li huwa att sesswali ordinarju t'imhabba.

Illi dwar is-swat li jsemmi OMISSIS3 li allegatament l-appellant kien jaghtih, kumbinazzjoni dawn dejjem graw meta ommu ma kinitx tkun id-dar. OMISSIS3 jghid li Vella kien jidhol fil-kamra tal-banju meta ommu kienet tkun id-dar, meta l-kamra tal-banju u l-kcina qeghdin hdejn xulxin, il-bieb ikun miftuh u ommu u ohtu kienu jkunu prezenti fil-vicin. Ghalhekk hu inverosimili dak li qed jghid it-tifel meta kien hemm nies ohra prezenti u tant vicin. Dawn l-atti qatt ma gew rapportati la mit-tifel u lanqas minn ommu qabel, hlief meta t-tifel gie mgieghel jitkellem mis-social workers.

Fir-rigward ta' dak li jsemmi t-tifel dwar Roderick, jekk huwa veru, l-appellant ma jirrispondix ghall-agir tieghu. Jigi rilevat li t-tifel ma jaqbilx dwar meta Roderick kien f'relazzjoni m'ommu; hu jghid li kien qabel OMISSIS5 meta kien zghir meta filfatt Roderick gie wara l-imputat (ara statement tal-imputat). Dak li semma dwar patata u mhux patata gie suggerit lilu mill-Prosekuzzjoni u mhux qalu minn rajh. Hu kien vag wisq fix-xhieda quddiem il-Qorti u beda jirrepeti dak li kien qed jigi diversi drabi suggerit lilu. Hu ma jsemmi xejn li Roderick u OMISSIS5 kienu miftehma flimkien biex jaghmlulu dak li jisemma fir-rapport ta' Dr Busietta. Dak li jghodd ghal Qorti huwa biss dak li gie kkonfermat bil-gurament quddiem il-Magistrat minn OMISSIS3 u xejn izjed.

Ir-rapport tal-esperta Busietta hu l-unika wiehed li l-Qorti ghandha tiehu in konsiderazzjoni billi dina kienet l-unika esperta li giet nominata mill-Qorti. Meta wiehed jezamina r-rapport tal-esperta Busietta wiehed isib li l-maggor parti mill-provi migbura minnha fir-rapport taghha huma kollha heresay - ripetizzjoni detto del detto - u mhux dak li semghet direttament hija minghand it-tifel imma dak li gie rraportat lilha u l-esperta mbaghad ghamlithom taghha. Skond ir-rapporti taghha t-tifel kien jigi msawwat u abbuzat sesswalment kuljum, imma meta kkomparat ma' dak li t-tifel stess xehed fil-Qorti jirrizulta li dan l-abbuz gie esagerat u kif deskritt mhux verosimili. Kieku verament kien jaqla dawk id-daqqiet kollha li jissemma fir-rapport kuljum bic-cintorin, bil-lasta tal-ixkupa, u bil-ponn, kieku xi sinjal kien ihalli fuq il-minuri. Dana kollu meta suppost li dan sar mhux minn persuna wahda izda minn tnejn u aktar persuni adulti u sorprendentement omm it-tifel ma taghmel xejn meta dan kollu suppost sar fil-presenza taghha u hija qatt ma rrapurtat xejn. Fil-Qorti t-tifel jikkontradici dak li rraportat Dr Busietta li Roderick ma kienx jaghmillu bhal OMISSIS5. Il-minuri wkoll ma xehedtx li ommu kienet tkun mat-tnejn f'daqqa imma biss li kienet tohrog maghhom it-tnejn fl-istess zmien (ara fol 37).

Illi ghalhekk ghandu jidher car illi hafna mill-fatti li huma accettati mill-espert bhala stabbiliti, jew ma jissemmewx mit-tifel jew ma gewx konfermati minnu quddiem il-Qorti.

Jigi rilevat li meta l-minuri thalla jitkellem wahdu fil-Qorti kull ma qal it-tifel li kien li Vella kien isawtu u ma jtihx ikel. Ma instabu ebda' sinjali fuq il-gisem tat-tifel ta' xi abbuz sesswali fuqu. Kieku bl-agir li ssemma - abbuz sesswali, swat bil-lasta ta' xkupa, cintorini, gebel etc kien jinstab xi haga - xi ndikazzjoni anki jekk antika ta' xi haga. Imma xejn. Is-sinjali ta' burns li ssemmew, il-pedjatra xehdet li dawn jistghu jkunu kompatibbli ma' skin infection. Dwar danan kollu l-Ewwel Qorti ma ssemmi xejn u ma tikkummentax.

Il-fatti kollha jridu wkoll jigu kkunsidrati fl-isfond tal-ambjent ta' familja li kien qed jghix fih it-tifel. Dak li gara m'ghandux jigi addebitat lil imputat biss minhabba l-ambjent familjari li fih certa strata tas-socjeta' tghix minhabba poverta', nuqqas ta' finanzi u abitazzjoni adekwata fejn familja tghix f'kamra wahda jew tnejn u fejn hafna nies ridu jghixu kull mument tal-hajja taghhom bejn erba' hitan bil-konwegwenzi li dan igib mieghu. Inoltre t-tifel mhux ADHD biss kellu imma kellu kundizzjonijiet ohra li diga' ssemmew kif ukoll kien hemm influwenzi ohra minhabba l-ambjent fejn trabba, poor social background, disabilita' etc.

Fil-fehma tal-esponent ix-xhieda tal-minuri ma toffriex dik il-konsistenza u precizjoni fid-detall taghha specjalment f'eta' daqshekk tenera fis-sesswalita' tieghu, li certament ihalli dak il-l*urking doubt* f'mohh il-Qorti - u dana meta minn naha tieghu l-appellant baqa' jichad kategorikament l-addebitu li sar kontra tieghu.

Fil-fehma tal-esponent u fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-ewwel akkuza dedotta kontra tieghu ma gietx pruvata billi hemm dubju ragonevoli u ghalhekk l-appellant qed jitlob li jigi liberat minn din l-akkuza wkoll.

Fl-aghar ipotesi, jekk dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha mod iehor u kellha tikkonferma s-sentenza appellata, huwa qed jitlob li ma jinghatax sentenza karcerarja effettiva stante li fil-fedina penali tieghu huwa ghandu infrazzjoni wahda biss dwar licenzja hdax il-sena ilu, ghalhekk se mai ghandu jibbenefika bhala first time offender ta' reat gravi u jinghata piena mhux karcerarja effettiva.

2. Finalment l-appellant hassu aggravat ukoll mis-sentenza tal-Qorti fejn huwa gie ordnat ihallas l-ispejjez ghan-nomina ta' periti, meta huwa qed jigi assistit bl-ghajnuna legali u ghalhekk dawn l-ispejjez mhux suppost ikunu a karigu tieghu skond il-ligi.

***Ikkunsidrat:-***

4. Illi fl-1 ta' Frar 2010 il-Pulizija tal-*Vice Squad* kienu rċevew rapport mingħand Rodianne Borg miċ-*Child Protection Services* tal-Aġenzija Appoġġ fejn ġie allegat li OMISSIS2, tifel ta' ħames snin, allega li kien qed jiġi abbużat sesswalment mill-appellant fiż-żmien meta l-appellant kien is-sieħeb t'ommu u kien jgħix fir-residenza tagħhom f'Ħaż-Żabbar. Irriżulta wkoll illi wara li omm il-vittma kienet

temmet ir-relazzjoni tagħha mal-appellant fis-sena 2009 riedet iddaħħal lil OMISSIS3 u lill-oħtu ġewwa istitut.

5. F'dan iż-żmien OMISSIS3 beda jġib ruħu b'mod li kien qed juri imġieba sesswali li ma kienetx approprijata mal-eta tenera tiegħu, fosthom billi jmissilhom il-parti tagħhom u jgħidilhom biex imissulu tiegħu. Meta l-Pulizija marru jkellmuh l-Istitut, hu rrefera għall-appellant bħala vjolenti, fejn saħaq li kien qed jiġi msawwat kif ukoll abbużat sesswalment minnu billi jmisslu l-parti tiegħu kif ukoll il-warrani. Dawn l-inċidenti kienu jseħħu fil-kamra tiegħu. Il-Pulizija tkellmu mal-familjari tal-appellant fejn ħadd minnhom ma qal li ra xejn allavolja l-omm ikkonfermat li ġieli kien ikun vjolenti miegħu. Meta mitkellem, l-appellant innega l-allegazzjonijiet li saru kontra tiegħu.

***Ikkunsidrat: -***

6. Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel ZAMMIT*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal:-

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez*** u r-***Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina*** 24 ta' April 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak*** 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed; Ir-Repubblika ta' Malta vs***

> kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

7. Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat

---

***Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan*** et, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa*** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.[2]

8. Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

9. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

---

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

10. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

11. Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-*Law of Evidence*.

12. L-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali jgħid li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża : -

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib***, 15 ta' Jannar 2009; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili***, 19 ta' Gunju 2008; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter***, 14 ta' Dicembru 2004; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez*** u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina***, 24 ta' April 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak***, 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed***, 5 ta' Lulju 2002; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et***, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

13. Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[4] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

14. In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Thorne,***[5]

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Bonavia*** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; ***Il-Pulizija vs Antoine Cutajar*** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; ***Il-Pulizija vs Carmel Spiteri*** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.
[5] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

15. F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

16. L-evidenza indiretta hi dik li prinċipalment tistrieħ fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Għalkemm iċ-ċirkostanzi ma jitkelmux bħax-xhieda, u b'hekk ma jistgħux jigdbu, mill-banda l-oħra jistgħu jkunu qarrieqa. Dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-prinċipju li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun univoka, jiġifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konklużjoni waħda u xejn ħliefha. Altrimenti, jekk iċ-ċirkostanzi jagħtu lok għal aktar minn konklużjoni waħda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieħ fuqhom biss biex tkun tista' ssib ħtija.

Jekk ikun hemm dubju dettat mir-raġuni, il-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-imputat jew akkużat.

17. Mill-banda l-oħra biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali **ma teħtieġx** li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija imnisla mis-sistema Ingliż fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat, il-Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi imresqa minnha. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita, jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat.

18. Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun żgura moralment, *sure* fis-sistema Legali Ingliż,[6] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni *lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.* Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.

19. Fil-każ Ingliż ***Majid***,[7] Lord Moses stqarr hekk :

---

[6] ***R v Majid***, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2

[7] ibid.

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

20. Inoltre, fil-ktieb tagħhom ***The Modern Law on Evidence***, Adrian Keane u Paul McKeown[8] jgħidu s-segwenti : -

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

21. Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju **tas-sikurezza**. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Peralta*** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal **b'sikurezza** għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

[8] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

22. U huwa biss meta jkun hemm **<u>id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża</u>** li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

23. Meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jresqu prova, huma jridu jissodisfaw il-*best evidence rule*, ċjoe jridu jresqu l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

> Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.
>
> L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu

> w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.
>
> Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.[9]

24.In oltre u aktar reċentement fis-sentenza ***Il-Pulizija vs Cyrus Engerer,*** il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet illi :

> Biex wiehed jistabilixxi jekk l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita.[10]

25.Illi f'dan il-każ, huwa importanti wkoll li din il-Qorti tirreferi għar-regola tal-*hearsay* u kif din tiġi applikata fil-kamp penali Malti. Dan peress li parti mix-xiehda prodotti f'dan il-każ jistrieħu esklussivament fuq dak li qalulhom il-protagonisti f'dan il-każ.

26.L-artikoli 598 u 599 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12) li jirregolaw il-*hearsay evidence*, u reżi applikabbli fi proċedimenti quddiem Qrati ta' Ġustizzja Kriminali bis-saħħa tal-artikoli 520(1)(d) u 645 tal-Kodiċi Kriminali jgħidu kif ġej:

> **598.** (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk ilfatti.

[9] Deċiża nhar il-5 ta' Lulju 2002 mill-Imħallfin Noel Arrigo, Joseph A. Filletti u Patrick Vella.
[10] Deċiża nhar it-8 ta' Mejju 2014 mill-Imħallef Michael Mallia.

(2) Il-qorti tista', ex officio, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bħal dawk.

(3) Iżda l-qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk ilmistoqsijiet.

**599.** Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, ta' żwieġ, ta' mewt, ta' assenza, ta' servitù, ta' rjieħ ta'immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta'reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.

27.Fil-kawża deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet : ***Il-Pulizija vs Janis Caruana*** tal-14 ta' Mejju 2012 mill-Imħallef Lawrence Quintano il-kwistjoni tal-*hearsay evidence* kienet ġiet indirizzata b'dan il-mod : -

21. Bir-rispett kollu, il-hearsay rule tagħna (fl-artikolu 599) mhix daqshekk riġida daqs kemm wieħed jaħseb. Fil-fatt l-ewwel parti ta' dan l-artikolu jgħid hekk:

> '599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra,'

22. Fil-fatt fil-kawża 'Joseph Mary Vella et versus il-Kummissarju tal-Pulizija' il-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Jannar 1988 qalet hekk:

> 'Issa, fil-każ preżenti, si tratta ta' depożizzjoni ta' xhud dwar x'qallu ħaddieħor li ma jistax jiġi prodott minħabba li x-xhud ġie marbut bis-sigriet professjonali fuq l-identita' ta'dan il-ħaddieħor. Ċertament il-klem ta' dan il-ħaddieħor jistgħu, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ikollhom importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawża. Għalhekk il-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddipartixxi millkonlużjoni tal-ewwel qorti ( li tħalli lil dan ix-xhud jiddeponi).'

23. Ukoll fl-Ingilterra u f'Wales ir-regola tal-hearsay m'għadhiex stretta daqsa qabel. Il-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ' Al-

Khawaja and Tahery versus the United Kingdom' tal-15 ta' Diċembru 2011 (deċiżjoni tal-Grand Chamber) qalet hekk f'pargrafu 130:

> 'However, the Court notes that the present cases have arisen precisely because the legal system in England and Wales has abandoned the strict common law ruel against hearsay evidence. Exceptions to the rules have been created, notably in the 1988 and 2003 Acts, which allowed for admission of ST's statement in Al-Khawaja's case and T's statement in Tahery's case.'

24. Fil-każ ta' Al-Khawaja, ST kienet għamlet rapport lill-Pulizija numru ta' xhur sewwa wara li kienet allegatament assaltata minn tabib. ST għamlet suwiċidju qabel il-ġuri. L-Imħallef li ppresieda ħalla li jinqara r-rapport waqt il-ġuri u ta direzzjonijiet appożiti. (Ara paragrafi 9 -19 tal-istess sentenza). Il-Grand Chamber ma sabitx vjolazzjoni talartikolu 6 (ara par.158 tas-sentenza).

25. Issa, jekk wieħed janalizza s-sitwazzjoni fil-każ li jinsab fil-preżent quddiem il-Qorti, ir-rapport bl-ebda mod ma jgħid li min għamel ir-rapport dwar is-serqa indika lill-appellant. Kieku kien hekk ir-rapport kien ikun prova li sar it-tali kliem iżda mhux prova li l-appellant wettaq is-serqa għalkemm l-istess rapport kien ikun jista' jintuża biex jikkorobora provi oħra. (Ara: Subramianiam v Public Prosecutor (1956) 1.W.L.R.956 at 969, PC).2 Fir-rapport odjern m'hemmx xi allegazzjoni bħalma ma għamlet ST fil-każ 'Al-khawaja vs UK' jew xi sitwazzjoni simili għal dak li aċċettat il-Qorti Kostituzzjonali. Hawn għandna biss rapport li saret is-serqa, ta' xhiex, fejn u meta. Min għamel ir-rapport mhux Malti, ma semma lil ebda persuna bħala suspettat, u ma jistax joqgħod jinġieb Malta biex jikkonferma li saret serqa ta' laptop. Terġa' min għamel irrapport ma joqgħodx f'xi pajjiż fil-viċin.

26. Għalhekk il-Qorti, wara li rat iċ-ċirkostanzi tal-każ, u wara li rat l-artikolu 599 tal-Kap 12 res applikabbli għall-Kap 9, qed tiddeċiedi li fil-proċess teżisti prova li hija ammissibbli. Ir-rapport huwa prova li saret is-serqa u ta' xejn aktar.

28.Oltre minn hekk fis-sentenza tal-Qorti Kriminali deċiża nhar l-24 t'Ottubru 2011 fil-kawża fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Azzopardi*** ġie deċiż is-segwenti : -

Li l-artikoli relevanti dwar il-Hearsay Rule huma l-artikoli 598 u 599 tal-Kap 12 reżi applikabbli għall-Kap 9 bl-artikolu 645 tal-Kap 9.

Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b'approvazzjoni dwar il-hearsay rule f'kawżi ta' natura kriminali huwa Subramaniam v. Public Prosecutor fejn insibu dan ilkliem:

> 'Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object

of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.'

Jekk wieħed jimxi mal-prinċipji ta' dan il-każ allura ċerti persuni li magħhom ikun tkellem l-allegat vittma jistgħu jkunu prodotti (per eżempju, psikologu, għalliem jew social worker, il-ġenituri jew qraba fil-qrib tal-allegat vittma). Dawn jistgħu jixhdu li l-allegat vittma tassew qal hekk. Tali xhieda hija biss prova li l-allegat vittma tassew qal hekk, iżda mhux li dak li qed jgħid l-allegat vittma huwa tassew minnu. Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap 12, wieħed jista' jikkonkludi li l-hearsay rule fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta. U filfatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi il- każ 'Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija' (13 ta' Jannar 1988) fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim'Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali. Peress li d-depożizzjoni, li tista' tkun hearsay, tista' tkun prova diretta li ntqal xi ħaġa, ma tistax tiġi esklusa flistadju tal-eċċezzjonijiet preliminari.

F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu il-prattika dwar il-hearsay rule. (Ara dwar dan il-punt: Ir-Repubblika versus Meinrad Calleja). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:'

Fil-limit tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.' (1 t'April 2011 'Il-Pulizija versus Fabio Schembri' preseduta mill-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri).

29. Apparti dan fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Angelus Vella***, deċiża nhar it-30 ta' Lulju 2015, ir-regola dwar il-*hearsay evidence* ġiet spjegata b'dan il-mod kwantu sempliċi daqskemm ċar -

Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi hearsay evidence iżda jekk dak rapportat hux hearsay evidence jew le

> jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun hearsay evidence u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx hearsay evidence u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra.

30. Illi l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita li tagħmel. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xiehda tax-xhieda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanzi ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.

31. Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għall-dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha. Biss, kif intqal, din il-Qorti ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni

miġjuba fil-kawża ***Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino*** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti : -

> Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (*demeanour*) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".

***Ikkunsidrat:***

32. Illi l-aggravji tal-appellant huma illi hu ma messux instab ħati tal-ewwel imputazzjoni kontra tiegħu u dan minħabba insuffiċjenza ta' provi li jippruvaw il-ħtija tiegħu lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni. Jagħmel referenza partikolarment għax-xhieda ta' diversi persuni li eżaminaw lill-allegat vittma OMISSIS2, fejn jisħaq illi l-Qorti tal-Maġistrati straħet fuqhom sabiex tasal għall-konklużjonijiet tagħha dwar il-verżjoni l-aktar kredibbli u dan allavolja x-xhieda tagħhom għandha tiġi skartata u sfilzata. Ir-raġuni għal dan hija li ħadd minnhom ma nħatar bħala espert mill-Qorti, bl-eċċezzjoni tal-psikoterapewta Dr. Marica Busietta li nħatret mill-Maġistrat Inkwirenti, kif ukoll in vista tal-fatt illi dak illi huma rrapurtaw huwa biss riżultat ta' *hearsay* fejn kwindi mhux prova amissibbli.

33. L-appellant jisħaq li l-allegat vittma x'aktarx ra lill-ommu jkollha x'taqsam sesswalment mal-appellant aċċidentalment u mhux bl-

intenzjoni ta' korruzzjoni. Għall-bqija tal-allegazzjonijiet li saru fil-konfront tiegħu, l-appellant jibqa' jinsisti illi dawn ma kienux minnhom.

34. Għal dak li jirrigwarda r-rapport ta' Dr. Marica Busietta, filwaqt li dan ir-rapport jista' jingħata piż u jista' jitqies bħala prova valida skond il-Liġi, l-appellant iqis il-konsiderazzjonijiet tagħha bħala esaġerati u dan anki fid-dawl ta' dak illi jisħaq il-minuri stess fuq il-pedana tax-xhieda. Jgħid ukoll li hemm kontradizzjonijiet bejn dak illi xehed it-tifel u dan ir-rapport partikolarment għal dak li jirrigwarda s-swat soffert allegatament minn taħt idejn l-appellant.

35. Finalment u b'mod sussidjarju l-appellant jitlob lill-Qorti tvarja l-piena mposta fuqu għal waħda aktar miti u dan anki fid-dawl tal-fatt illi hu m'għandux preċedenti serji kif evidenzjat mill-fedina penali tiegħu.

***Ikkunsidrat : -***

36. Illi r-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni, skont l-artikolu 203 tal-Kodiċi Kriminali jirriżulta meta persuna *'b'egħmil żieni jikkorrompi persuna ta' taħt l-eta'*. Is-sub-artikolu (1) jelenka ċ-ċirkostanzi aggravanti għal dan r-reat u ċioe':

a. jekk d-delitt isir bi ħsara ta' persuna li m'għalqitx l-eta ta' tnax il-sena, inkella bi vjolenza;

b. jekk d-delitt isir b'theddid jew b'qerq;

c. jekk d-delitt isir minn axxendent mid-demm jew bi żwieġ jew mill-missier jew l-omm addottivi, jew mit-tutur tal-minuri, jew minn ħaddiehor li lilu imqar jekk għal xi żmien, ikun ġie fdat il-minuri sabiex jieħu ħsiebu, jedukah, jindukrah jew jżommu.

37. Il-Professur Mamo fin-*Notes on Criminal Law*, jelenka t-tlett elementi ta' dan r-reat u ċjoe:

    i. l-eta tal-vittma li għandha tkun inqas minn tmintax il-sena (illum sittax-il sena);
    ii. l-element materjali tar-reat u cioe' l-atti impudiċi magħmula jew fuq il-vittma jew fil-presenza tal-vittma;
    iii. il-korruzzjoni tal-minorenni.

38. Fi kliem il-Professur Mamo stess, dan ir-reat:

> deals with those lustful acts not consisting in carnal knowledge or attempted carnal knowledge with violence, whether actual or constructive, committed on the person or in the presence of any individual, whether male or female, and capable of defiling such individual.

39. L-ewwel element rikjest hija l-eta' tal-allegat vittma li bilfors trid tkun minorenni.

40. It-tieni element imbagħad, jiġifieri l-element materjali tar-reat huwa l-egħmil żieni :

> Lewd conduct is any unlawful act committed by an individual with the purpose of arousing the libido or sexual interest of themselves or the person towards whom this action is directed....this expression does not include mere words, or any picture, book or representation, though obscene, or other indecent facts which affect only the moral sense. These do not constitute the crime in question. It is required that the defilment be by lewd acts, which acts must be committed either on the person of the minor

> or at least in his presence... To take a different view would be to ignore the obvious spirit of the law in creating the crime, that is the desire to protect youth from the pernicious effects of moral defilement and, therefore also from all those acts, which, although they take place without physical contacts, are nevertheless inherently intended to defile."

41. Jiddeskrivi dawn l-atti bħala: "*inclusive of all acts directed to the indulgence of the sexual apetite.*"

42. Fl-aħħarnett it-tielet element rikjest huwa l-att tal-korruzzjoni. Għalkemm kien hemm ġuristi li ma qablux dwar il-fatt jekk minuri li diġa' huwa korrott jistax ikun soġġett għal korruzzjoni u kwindi jistax jaqa' vittma ta' dana ir-reat, madanakollu il-Qrati Maltin dejjem saħqu illi l-fatt illi minuri jkun diga' ġie soġġett għal korruzzjoni ma jeskludix il-kummissjoni ta' dan ir-reat fil-konfront tiegħu.

43. Għal dak li jirrigwarda imbagħad il-*mens rea* rikjesta għal kummissjoni tar-reat tal-korruzzjoni tal-minorenni il-Professur Mamo huwa tal-fehma illi mhix necessarja xi intenzjoni speċifika wara l-kummissjoni ta' dana ir-reat:

> The defilement whether intended or not, must be considered as a necessary consequence of the lewd acts themselves, leaving it in every case to those who are to judge to determine whether they were calculated to defile. For the subsistence of the crime it is not necessary that the defilement shall be immediate. The very young age of the person with whom the lewd acts have been committed, does not rule out the crime, if the remembrance of such acts is calculated to cause the defilement. Indeed, according to our law, if the victim is under twelve years of age that is reason for aggravating the crime… In other words if the acts in question are lewd acts, that is apt to bring about a lesion of the moral integrity of the passive subject in respect of sexual matters, then in the absence of any indication that the said passive subject has not been effected by these acts, for example because he or she was to some degree already deprived - whoever has to judge the facts may reasonably conclude that there was actual or effective defilement.

44. Kif gie mistqarr fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. George Portelli,***[11] il-Ġudikant għandu jagħmel l-apprezzament tiegħu taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ u jqabbel in-natura tal-att mal-grad ta' korruzzjoni ġja milħuq mill-minuri biex jara jekk dak l-att kommess fuq il-persuna jew anke fil-presenza biss tal-minuri, jista' attwalment jingħad li biħ l-persuna ġiet korrotta.

45. In oltre dawn il-Qrati ġieli ċċitaw silta mill-kitba tal-awtur **Filippo Marci** fl-opera tiegħu ***Reati Sessuali***,[12] fejn jisħaq illi l-atti ta' libidini jridu "*jikkorrompu*" u mhux sempliċement li "*jistgħu jikkorrompu*" kif kien jesprimi l-leġislatur li kieku dan kien il-ħsieb u l-intenzjoni tiegħu. Iżid hekk : -

> Ed e' nozione elementare che a produrre il fenomeno non basta la causa, e la qualita e capacita di esso a produrlo ma e' necessario l'offerta che lo compliti e lo esamisca perche ci sia un danno della corruzione.

46. Dwar t-tifsira ta' dak li jikkostitwixxi *atti di libidine*, din il-Qorti, bħal diversi Qrati oħra qabilha li ddeċidew każijiet simili, sejra tagħmel referenza għas-sentenza fl-appell kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija v Thomas Wiffen***[13] li tgħid:

> Lewd acts are therefore all those acts 'diretti ad ecitare la propria consupiscenza verso piaceri carnali turpi per se stessi o per le circostanze in cui si cerca di provocarli ovvero diretti a sodisfare sifatta concupiscenza' the duration of these acts is immaterial for the nature of a lewd act. Whether there has been difilement or not, is not something that can be measured with any known scientific instrument, but is something which has to be assessed by the prudent judge, the lay judge in the case of a trial by jury, the professional magistrate or judge in all other cases - taking into account

[11] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-20 ta' Frar 1975
[12] Torino Fratelli Borca - Edit. 1927 - pg. 194
[13] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tmienja ta' Jannar 1996

> all the circumstances of the case, including in particular the age of the victim and the nature of the act or acts.

47. Imbagħad fis-sentenza ***Il-Pulizija versus Andrew Bonnici,***[14] dil-Qorti diversament presjeduta qalet is-segwenti:

> Tifel ta' appena tlettax-il sena li jigi espost ghall-eghmil li jaghmel l-appellant, kemm fuqu nnifsu, kif ukoll fuq il-persuna tal-istess tifel, ma jistax ma jigix korrott anke jekk forsi dak it-tifel ikun diga' jaf certi fatti tal-hajja, jew ikollu xi esperjenza sesswali. Altru esperjenza sesswali fil-kors normali tal-izvilupp fizjologiku ta' dak li jkun, u altru impozizzjoni ta' sitwazzjonijiet determinati minn eghmil zieni, li manifestament jipproducu lezjoni f'integrita' morali tal-minorenni.

***Ikkunsidrat:-***

48. Illi l-Qorti tal-Maġistrati sabet ħtija fl-imputat appellant in bażi għall-fatt li x-xhieda tal-minuri OMISSIS2 kienet kredibbli u konsistenti. Il-Qorti tal-Maġistrati ħadet kont ukoll tar-relazzjoni tal-espert Dr. Marica Busietta li ġiet maħtura mill-Maġistrat Inkwirenti u kif kienet ukoll konfermata matul il-kors tal-Istruttorja. Din il-psikoterapewta tkelmet mal-minuri u rrelatat dwar jekk hu kienx realment vittma ta' abbuż fisiku u sesswali kif kien qed jiġi allegat minnu.

49. Apparti minn dawn, il-Prosekuzzjoni resqet diversi xhieda oħra li tkellmu jew għamlu tentattiv li jitkellmu u/jew li janalizzaw il-komportament tal-minuri biex jistabbilixxu jekk kienx realment vittma ta' abbuż sesswali kif kien allega ma xi uħud minnhom. Il-

[14] Deciza mill-Qorti tal Appelli Kriminali nhar it-23 ta' Jannar 1998.

Qorti tal-Maġistrati, għalkemm semgħet ukoll lil dawn ix-xiehda, bl-aktar mod ċar fis-sentenza tagħha hija qalet li ma kienetx ser toqgħod fuq il-konklużjonijiet tagħhom, minħabba r-regola tal-*hearsay evidence*. Madankollu l-Qorti tal-Maġistrati ħadet qies tax-xhieda tagħhom dwar dak li wħud minnhom kienu semgħu lil minuri jirrakkonta sempliċiment sabiex tistabbilixxi safejn il-minuri setgħa kien kredibbli jew konsistenti dwar l-abbuż li huwa kien qiegħed jallega li sofra fuq persuntu. Dik il-Qorti kjarament ma qiesetx dak li qal il-minuri lil bosta minn dawk ix-xiehda bħala prova li fil-fatt dak li qalilhom kienet il-verita; iżda qiesitha bħala prova li l-minuri verament qalilhom dak il-kliem. Dan huwa eżerċizzju li dik il-Qorti setgħet trankwillament tagħmel skont il-Liġi regolanti l-*hearsay evidence*. F'dan is-sens ma hemmx lok għal sfilz u dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati ma jirriżultax li qabżet il-linja proċedurali sottili stabbilita bil-limiti imposti mill-Liġi regolanti l-*hearsay evidence*.

50. Ix-xiehda mogħtija minn nies professjonisti bħal ma huma *guidance teachers* jew *social workers* jew persuni oħra bħal f'dan il-każ, u li jkunu ħadmu mal-allegat vittma sabiex jgħinuh, u li jixhdu dwar dak li intqal lilhom mill-minuri huwa ammissibli sabiex jigi konfermat dak li qal l-istess minuri u mhux bhala xhieda li dak li qal il-minuri verament seħħ. F'dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza preliminari fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Azzopardi***[15] fejn gie kkunsidrat li:-

[15] Deċiża mill-Qorti Krimnali nhar l-24 ta' Ottubru , 2011 (rikors numru 33/2010)

'Il-kaz li mhux l-ewwel darba li gie citat b'approvazzjoni dwar il-hearsay rule f'kawzi ta' natura kriminali huwa **Subramaniam v. Public Prosecutor** fejn insibu dan il-kliem:

'*Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.'*

51. Kif intqal aktar il-fuq, jekk wieħed iqis l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, wieħed jista' jikkonkludi li r-regola tal-*hearsay* mhix daqshekk assoluta fil-Liġi Maltija. Dan jirriżulta wkoll minn sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija***[16] fejn dik il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali.

52. Inoltre, anke fi proċedimenti kriminali, il-Qrati Maltin ilhom sew isegwu din l-interpretazzjoni tar-regola tal-*hearsay*. Il-Qorti tal-Appell Kriminali kif diversament preseduta fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Fabio Schembri*** qalet hekk:

'Fil-limitu tal-uzu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jigi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat

[16] Deciza fit-13 ta' Jannar 1998

li ntqal fil-fatt intqal fic-cirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi cirkostanza li meħuda ma' provi u cirkostanzi oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.'[17]

53. Biss, din il-Qorti, bħall-Qorti tal-Maġistrati qabilha, tqis li l-aktar xhud importanti wara l-minuri OMISSIS2, kienet l-espert tekniku imqabbad mill-Qorti, ċjoe Dr. Marica Busietta, li kienet ċara ħafna fir-relazzjoni tagħha u fil-konklużjonijiet milħuqa minnha li ma jħallu xejn għall-immaġinazzjoni.

54. Jingħad ukoll li l-aktar partijiet li l-Qorti tal-Maġistrati li tat importanza fir-relazzjoni ta' Dr. Busietta kienu dawk il-partijiet li kellhom x'jaqsmu mal-laqgħat li din kellha mal-minuri, u naturalment il-konklużjonijiet milħuqa minn din l-esperta. Din l-esperta a ltaqgħetx biss mal-minuri iżda wkoll ma diversi persuni oħra li ġew in kuntatt mal-minuri f'dan il-każ. Il-persuni kollha indikati f'dan ir-rapport, għajr għall-*foster parents* tat-tifel, xehdu f'dawn il-proċeduri. Ir-rapport ta' Dr. Busietta għalhekk irid ukoll jitqies fid-dawl ta' dak li intqal aktar il-fuq fir-rigward tax-xiehda ta' dawn il-persuni.

55. Din ir-relazzjoni hija kruċjali għaliex fiha hemm analiżi xjentifika ta' dak li stqarr il-minuri OMISSIS2 u dwar jekk dak li qal kienx jitwemmen jew ma jitwemminx; u jekk in bażi għall-analiżi magħmula minnha bil-metodu xjentifiku tagħha setgħetx tasal għall-konklużjoni dwar jekk, dak mistqarr mill-minuri setgħax jitqies bħala li kien veritjier b'ċertu grad ta' ċertezza.

[17] ***Il-Pulizija vs. Fabio Schembri*** deċiża fl-1 ta' April 2011.

56. L-appellant jikkritika dan ir-rapport ta' Dr. Busietta fis-sens li meta wieħed iqabbel dak illi hi tirrelata ma dak illi xehed il-minuri, hemm partijiet li ma kienux jaqblu ma xulxin jew isaħħu lil xulxin. Siltiet oħra kienu anki eżaġerati. Minbarra dan jissemma' wkoll raġel ieħor, apparti l-appellant, illi allegatament abbuża sesswalment mill-minuri. Skont l-appellant dan idaħħal dubju raġonevoli dwar min seta' realment ikkometta dawn l-atti libidinużi fuq il-minuri OMISSIS2.

57. Huwa minnu li meta xehed quddiem il-Qorti tal-Maġistrati il-minuri ma semmiex diversi dettalji li wieħed isib li huwa kien stqarr mal-psikoterapewta Marica Busietta. Biss anke fix-xiehda li ta bil-*video conference* quddiem il-Maġistrat, OMISSIS2 spjega mhux biss dak li huwa jirreferi għalihom bħala l-*pastażati* – ossija rapporti sesswali u tbagħbis ta' partijiet sesswali - li huwa kien espost għalihom bejn l-appellant u Nikita Camilleri. OMISSIS2 jiddeskrivi wkoll il-*pastażati* li jgħid li l-appellant kien iwettaq fuq persunt l-istess minuri OMISSIS2 meta kien ikun qiegħed jinħasel.

58. Meta OMISSIS2 xehed quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ma jirriżultax li huwa stqarr xi esaġerazzjonijiet. Mill-banda l-oħra, meta huwa tkellem mal-psikoterapewta, f'ambjent inqas intimidanti u li huwa kien akkwista ċerta kunfidenza fih, OMISSIS2 kien aktar dettaljat u speċifiku fir-rigward ta' dak li jgħid li kien jagħmel l-appellant fuq il-persuna tiegħu u x'atti sesswali kien jara lill-appellant jagħmel m'ommu. Ta' min jgħid li dik id-deskrizzjoni tal-attivitajiet sesswali mogħtija quddiem il-psikoterapewta, anke

jekk bir-regola tal-*hearsay* ma tistax tittieħed bħala prova tal-fatt fih innifsu li verament seħħ, xorta waħda tibqa' deskrizzjoni ta' diversi atti sesswali partikolari, uħud minnhom li juru wkoll element ta' perverżjoni sesswali, li ġew deskritti b'mod ċar u dettaljat ħafna, li wieħed qajla jistenna minn tifel li dak iż-żmien kellu biss tminn snin għajr ħlief jekk verament ikun assista għalihom waqt li qed iseħħu.

59. Kif intqal minn Lord Hoffman fil-każ ***Re B (Children) (Sexual Abuse):***[18]

> If a legal rule requires a fact to be proved, (a 'facts in isue') a judge or jury must decide whether or not it happened. There is no room for finding that it might have happened. The law operates a binary system in which the only values are 0 and 1. The fact either happened or it did not. If the tribunal is left in doubt, the doubt is resolved by a rule that one party or the other carried the burden of proof. If the party who bears the burden of proof fails to discharge it, a value of 0 is returned and the fact is treated as not having happened. If he does discharge it, a value of 1 is returned and the fact is treated as having happened.

60. F'dan il-każ, anke jekk wieħed għal mument iwarrab ir-rapport tal-psikoterapewta, jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati qieset li x-xiehda tal-minuri bil-*video-conferencing,* kemm fiha nnifisha, kif ukoll meta mqabbla u mgħarbla ma xiehda oħra fil-proċess, ma kienetx biss konsistenti, iżda kienet ukoll kredibbli, jiġifieri titwemmen u ta' min joqgħod fuqha. Il-Qorti tal-Maġistrati rat li l-verżjoni mogħtija minn OMISSIS2 kienet b'saħħitha biżżejjed b'mod li, meta magħquda mal-provi l-oħra, ikkonvinċietha li l-minuri kien qed jgħid il-verita dwar dak li għamillu l-appellant, jew li ra lill-appellant jagħmel fil-presenza tiegħu. Issa jekk il-Qorti tal-Maġistrati kienet konvinta, ċerta, li l-minuri kien qed jgħid il-verita,

[18] 2009, 1 AC 11.

allura dan iwassal għall-konklużjoni loġika li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tikkonkludi li l-fatti kif irrakkuntati minn OMISSIS2 kienu seħħew verament.

61. Meta imbagħad il-Qorti tal-Maġistrati ħadet qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud minuri, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda tal-minuri hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dik il-Qorti setgħet leġittimament u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li temmen dak li kien qed igħid il-minuri, u dan peress li jirriżulta li l-minuri kien konvinċenti ħafna. U kif qal Lord Hoffman, il-fatt jew seħħ jew ma seħħx. Jekk il-minuri ġie emnut mill-Qorti tal-Maġistrati, allura dik il-Qorti bilfors kellha tikkonkludi li l-imġieba tal-appellant fuqu jew fil-presenza tiegħu seħħet, bil-konsegwenzi li dan inissel minnu.

62. Inotre l-Qorti tal-Maġistrati kienet tal-fehma, bħalma filfatt jidher illi kienet Dr. Busietta, illi OMISSIS2 kien sinċier fir-rakkont tiegħu u li b'hekk kien vittma ta' dawn l-abbużi sesswali fuq bażi regolari. Tenut kont tal-eta' tenera tiegħu huwa ċar illi hu ġie espost għal komportament libidinuż li seħħ minn tal-inqas li seħħ fil-preżenza tiegħu. Dan jirriżulta mill-mod kif hu jiddeskrivi dak li hu ssubixxa, minn dak illi huwa qal lill-Qorti u lill-psikoterapewta qabilha. Jirriżulta wkoll mill-imġieba tiegħu filwaqt li kien qed jagħti dawn id-dettalji lill-espert tal-Qorti – ċjoe dak li Dr. Busietta tiddeskrivi bħala n-*non verbals* – dik l-evidenza li toħroġ mill-mod kif il-minuri

jkun qiegħed iġib ruħu waqt li jkun qiegħed jirrakkonta dak li jkun għadda minnu. Dawn huma fattizzi kumplessi tal-imġieba tal-bniedem li diffiċli ħafna li minuri ta' tminn snin jiffabrikahom.

63. Fost din l-imġieba hemm il-fatt li l-minuri kien jidher li huwa anzjuż u mistħi filwaqt illi kien qed jitkellem mal-espert dwar l-esperjenzi tiegħu formanti l-mertu ta' dan il-każ. In oltre waqt li qed jispjega, jpenġi jew jikteb siltiet mill-affarijiet relatati mal-esperjenzi li jgħid li għadda minnhom, huwa ħareġ ukoll ir-rabbja li ħass. Din hija wkoll evidenza tat-trawma li dan il-minuri għadda minnha – u li tkompli ssaħħaħ dak li huwa qal bil-kliem – ċjoe esperjenzi t'abbuż fiżiku u sesswali li huwa esperjenza u li ma kienux aċċidentali, iżda li kienu esperjenzi ripetuti b'ċerta regolarita' u li ħallew impatt negattiv fuqu. L-effett negattiv u li jkompli jsaħħaħ il-fatt li verament huwa ġie abbużat sesswalment kif stqarr jirriżulta wkoll mill-fatt li anke hu stess beda jikkomporta ruħu b'mod indiċenti ma tfal oħra – minkejja l-eta żgħira tiegħu. Din l-imġieba, f'tifel t'eta daqshekk żgħira hija l-qofol tal-korruzzjoni ta' minorenni.

64. Aktar minn hekk, u minkejja din l-eta żgħita tiegħu, OMISSIS2 kien kostrett jirrepeti l-esperjenzi t'abbuż li għadda minnhom għal aktar minn darba, u lil nies differenti. Apparti t-trawmatizzazzjoni sekondarja li din iġġib magħha, din ir-repetizzjoni f'dan il-każ tassumi wkoll rwol importanti. Dan peress li kif rat il-Qorti tal-Maġistrati u anke din il-Qorti, ir-rakkonti ta' OMISSIS2, għalkemm quddiem il-Qorti kienu limitati, dak li x-xiehda l-oħra semgħuh jgħid u skont dak mistqarr minnhom quddiem il-Qorti, jirriżulta li

r-rakkonti tiegħu, inkluż il-post fejn seħħ l-abbuż, min kienu l-persuni involuti, kif ukoll dak li kull wieħed minnhom għamel fuq il-persuna tiegħu, baqgħu konsistenti. Wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li hawnhekk si tratta ta' tifel t'eta żgħira ħafna, u fejn ma huwa diffiċli xejn għal tfal ta' dik l-eta li ma jiftakrux dettalji jew li jħawdu episodji ma oħrajn, jew li jħawdu l-kronoloġija tal-fatti. F'dan il-każ iżda, kien hemm element ta' konsistenza fir-rakkonti tiegħu li wkoll huwa sinjifikanti.

65. Din il-konsistenza tirrifletti ruħha anke fil-mod kif il-minuri jiddeskrivi t-*threesome* li huwa kien jara bejn l-appellant, ommu u ċertu Roderick, fejn anke jiddeskrivi fejn dawn kienu joqgħodu fuq is-sodda t'ommu. Jekk dak mistqarr mill-minuri lil Dr. Busietta jitqies biss bħala prova li huwa qal dak id-diskors, dil-Qorti tqis wisq sinjifikattiv li tifel ta' tminn snin jirrakkonta b'ċertu dettal dak li jgħid li ra u semgħa, fosthom invit minnhom biex joqgħod iħares lejn il-*vulva* t'ommu.

66. Fattur ieħor interessanti huwa li l-minuri qajla jħawwad x'għamel l-appellant ma dak li ra lil Roderick jagħmel. OMISSIS2 jisħaq illi l-aġir subit minnu ġie kommess kemm mill-appellant kif ukoll minn Roderick, u rrakkonta ċerti dettalji li r-rakkont biss tagħhom minn tifel ta' tminn snin ukoll ikexkxek, aħseb u ara meta dan l-istess tifel jiddeskrivi li dawk l-atti jkunu seħħew fuqu, billi jiddeskrivi dak li kien jagħmel wieħed u dak li kien jagħmel l-ieħor, fuq il-persuna tiegħu.

67. Dawn huma każijiet delikati ħafna u huma każijiet serjissimi, għax dawn l-atti sesswali fuq jew fil-presenza ta' minuri jikkontaminaw l-innoċenza, b'riskju ta' ħsara fuq l-imġieba u l-iżvilupp sesswali tal-minuri li jkun jista' jaffettwah għal matul ħajtu kollha, b'detriment għalih innifu u għal dawk li jiġu in kuntatt miegħu matul ħajtu. Daqstant huma serji.

68. L-appellant jallega li l-minuri għandu diżabilita' mentali. Mill-atti proċesswali l-unika prova li hemm hija li OMISSIS2 jbagħti mill-kundizzjoni ADHD u li qed jieħu l-medikazzjoni għaliha. Biss ma jirriżultax li din il-kundizzjoni affetwatu b'xi mod f'dak li huwa jirrakkonta bħala l-fatti li għadda minnhom minn taħt idejn l-appellant.

69. L-anqas ma jirriżulta li huwa minnu dak allegat mill-appellant li l-minuri kien ġie nstigat jitkellem dwar dan l-abbuż. Dan ma jirriżultax mir-relazzjoni ta' Dr. Busietta. Biss biss jirriżulta li l-investigazzjoni f'dan il-każ inbdiet wara li l-minuri kien tkellem ma terzi li da parti tagħhom għamlu r-rapport relattiv. Jirriżulta wkoll li l-minuri tkellem meta huwa kien iħossu komdu jitkellem dwar dak li ġara minnu – u kien hemmhekk li huwa ta l-parti kbira mid-dettalji spontanjament u minn jeddu. Kjarament meta kien qiegħed jixhed quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, huwa forna ħafna anqas dettalji minn dawk forniti lill-psikoterapewta. U din il-Qorti tista' tqis biss, fiċ-ċert, bħala xhieda skont il-Liġi.

70. Fil-fehma ta' din il-Qorti il-pern ta' dan il-każ tibqa' x-xiehda ta' OMISSIS2. Kif intqal aktar il-fuq, la din il-Qorti u l-anqas il-Qorti

tal-Maġistrati ma jistgħu jaqraw moħħ u qalb OMISSIS2. Dawn il-Qrati jistgħu iqisu jekk u safejn, bil-kriterja imsemmija aktar il-fuq, dan ix-xhud jista' jitwemmen u safejn jista' jitwemmen. Skont dawn il-kriterja, il-Qorti tal-Maġistrati saħqet, bir-raġun, li dik ix-xiehda tal-minuri kienet tali li tista' torbot fuqha. Dan waslet għalih mhux biss grazzi għall-fatt li rat u semgħet lil OMISSIS2 jixhed quddiemha; iżda waslet għalih ukoll minħabba li l-konklużjonijiet magħmula wara analiżi xjentifika mill-psikoterapewta dwar il-kontenut ta' dak li l-minuri stqarr, fis-sens li dak mistqarr mill-minuri OMISSIS2 kien konsistenti fi kliemu u kredibbli fir-rigward tal-abbuż fiżiku u sesswali li huwa rrakkonta.

71.Konsegwentement din il-Qorti hija tal-fehma illi fuq il-bażi ta' dan kollu, il-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment issib lill-appellant ħati tal-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu.

***Ikkunsidrat:-***

72.Illi kwantu għall-aggravju dwar il-piena, din il-Qorti ma tbiddilx il-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati sakemm ma jirriżultax li din il-piena kienet barra mill-parametri stabbiliti mill-Liġin, jew li kienet żbaljata fil-prinċipju jew inkella kienet manifestament eċċessiva.

73.L-appellant ġie kkundannat għall-piena t'erba' snin priġunerija. Din il-piena tinsab fil-parametri tal-Liġi peress illi din tipprovdi li l-

minimum tal-piena għandu jkun dak ta' tliet snin priġunerija filwaqt li l-maximum tal-piena jammonta għal sitt snin priġunerija.

74. Minħabba illi l-minimum ma jistax ikun taħt it-tliet snin priġunerija, il-Liġi awtomatikament teskludi l-possibbilta' illi l-appellant jingħata sentenza sospiża skond l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali.

75. L-appellant jisħaq illi hu prattikament '*first time offender*' peress illi m'għandux karattru refrattarju. Biss skont il-fedina penali tiegħu jirriżulta huwa mhux inċensurat, peress li kien instab ħati darbtejn oħra qabel fuq ksur ta' regolamenti dwar is-sewqan kif ukoll regolamenti dwar il-liċenzjar ta' bejjiegħa. Mill-banda l-oħra irriżulta li r-reat sar fuq persuna t'eta' tenera ħafna, il-komportament tal-appellant kien sar għal diversi drabi, u jirriżulta li dan għamel ħsara kbira lill-istess minuri li saħansitra, fi kliem il-psikoterapewta Dr. Marica Busietta, fl-aħħar laqgħa li kellha ma' OMISSIS2 ċjoe fl-20 ta' Marzu 2013, meta issa allura l-minuri kellu tminn snin, Dr. Busietta tgħid hekk fuq dak li qal u għamel OMISSIS2 quddiemha:-

> L-esponent stqasiet kif iħossu issa fil-preżent. Hu penga lilu nnifsu ferhan u qal li hekk ihossu mal-*foster parents*. Il-minuri imbagħad qabad karta ohra u pinga qisa gagg li ghalih kien ifisser habs u warajha pinga lil Mr. OMISSIS5 u lil OMISSIS6 imdejqin. Hu qal b'ton gholi w irrabjat li Mr. OMISSIS u OMISSIS6 '*imorru l-habs ghax ghamlu l-hazin lil OMISSIS3*', filwaqt li fil-genb tal-gagga pinga wiccu li juri li hu kuntent u li qieghed b'ilsienu barra li skond il-minuri dan juri li qieghed jiehu gost. Wara li lesta din it-tpingija l-minuri deher aktar kalm u rilassat.

76. Din hija silta oħra li tkexkxek f'dan il-każ. L-appellant instab ħati fuq l-akkużi serji li għamillu OMISSIS2, u għax-xiehda tiegħu quddiem il-Qorti. Iżda mhux biss. Ix-xiehda ta' OMISSIS2 ma ġietx

misjuba biss kredibbli mill-Qorti tal-Maġistrati, iżda dikjarata li titwemmen mill-psikoterapewta skont kriterji u metodi xjentifiċi li bihom tiġi mistħarġa xiehda ta' tfal minuri. Dan kollu magħqud f'daqqa jipponta lejn ir-responsabbilta' tal-appellant. Naturalment jekk biss għall-grazzja tal-argument OMISSIS2 intenzjonalment ma qalx il-verita storika, u b'hekk irnexxielu jegħleb u jiżvijja anke l-metodu xjentifiku, allura jkollu ħafna xi jġorr fuq il-kuxjenza tiegħu u għalxiex jirrispondi għal dak li xehed kontra l-appellant. Mill-provi li kellha quddiemha l-Qorti tal-Maġistrati ikkonkludiet li l-minuri OMISSIS2 kien qiegħed jgħid is-sewwa; biss mill-karba tiegħu għall-Ġustizzja issa għandu jitgħallem li l-Ġustizzja mhix vendikazzjoni, iżda li t-triq għall-fejqan morali u psikoloġiku tiegħu tibda mill-maħfra tiegħu, u mhux mill-vendikazzjoni jew tpattija.

77. Ladarba l-appellant ġie misjub ħati in bażi għax-xiehda li ta OMISSIS2 nonche r-relazzjoni peritali dwar dan il-minuri, il-konsegwenza hija li issa huwa suġġett għal piena stabbilita mill-Liġi. Il-piena li ġiet imposta mill-Qorti tal-Maġistrati kienet korretta fil-prinċipju, taqa' fil-parametri u, tenut kont taċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, ma kienetx eċċessiva peress li kienet eqreb lejn il-minimu ta' tliet snin priġunerija, aktar milli lejn il-massimu ta' sitt snin priġunerija.

78. Irid jingħad ukoll li l-Qorti tal-Maġistrati ma semmiet xejn relattivament għaż-żieda fil-piena bi grad sa żewġ gradi fit-termini tal-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali. Meta din il-Qorti qieset il-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati f'dan il-każ u qablitha ma diversi

sentenzi oħra mogħtija minn dawn il-Qrati f'każijiet simili, tqis li anke hawnhekk din il-piena tixbaħ lil dawk mogħtija f'sentenzi oħra analogi, tal-istess gravita' fuq tfal ta' taħt it-tnax il-sena.

79. Illi apparti għall-kwantum tal-piena l-appellant jikkritika wkoll il-fatt illi allavolja hu kien qed jiġi assistit mill-għajnuna legali pprovduta mill-Istat, il-Qorti tal-Maġistrati xorta waħda imponiet fuqu l-ħlas tal-ispejjeż peritali skond l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali. Dan l-artikolu, fiż-żmien ta' meta seħħ ir-reat kien jaqra kif ġej:

> 533. (1) Meta l-kawża ssir mill-Pulizija ex officio, il-qorti għandha meta tagħti s-sentenza jew f'kull ordni ieħor wara, tikkundanna l-ħati jew il-ħatjin, ilkoll flimkien in solidum jew kull wieħed għalih, għall-ħlas, lir-reġistratur, tal-ispejjeż kollha jew ta' parti mill-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, inklużi dawk tal-esperti li jkunu ġew maħtura fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta, f'dak iż-żmien u f'dak l-ammont bħal ma jkun ġie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni.

80. Issa f'dan il-każ jidher illi l-investigazzjoni tal-Pulizija daħlet fis-seħħ wara li rċevew rapport dwar l-allegat abbuż minn Rodianne Borg għan-nom taċ-*Child Protective Services*. Skond l-artikolu 203(3) tal-Kodiċi Kriminali l-azzjoni in bażi għal dan ir-reat titmexxa *ex officio* fiċ-ċirkostanzi taħt l-artikolu 544 tal-Kodiċi Kriminali, li jippermetti kawża *ex officio* f'każ ta' korruzzjoni ta' minorenni kemm meta jkun akkumpanjat minn reat ieħor li jolqot l-ordni pubbliku jew fil-każ ta' vjolenza domestika. Din il-Qorti hija tal-fehma illi dak dispost fl-artikolu 533 jista' jiġi applikat għal dan il-każ.

81. In oltre ma jidhirx illi l-imposizzjoni tal-ispejjeż fuq l-appellant fil-każ ta' ħtija hija waħda diskrezzjonarja għall-Qorti iżda hija tassattiva dment li l-ewwel kriterju jkun sodisfatt, u dan indipendentement ta' jekk l-akkużat li jkun kienx assistit minn avukat tal-għajnuna legali o meno.

## *Deċide*

Għaldaqstant il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

***Aaron M. Bugeja***

***Imħallef***